**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 15 ta' Lulju, 2020**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 1012/2019**

**Power Cut Limited**

**vs**

**Victor Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-24 ta' Ottubru 2019 li jghid hekk:

Illi s-socjeta esponenti topera fil-qasam ta' kiri ta' makkinarju relatat mal-industrija tal-kostruzzjoni;

Illi l-intimat kellu xi xoghlijiet ta' kostruzzjoni u kien avvicina lis-socjeta attrici sabiex jikri min ghandha makkinarju tat-tip Band Saw, bil-ghan li jahdern bih;

Illi fl-ewwel (1) ta' Ottubru 2018, l-intimat kera minghand is-socjeta attrici l-magna tat-tip Band Saw u dan versu l-prezz miftiehem ta' erbghin ewro (€40) kuljum oltre l-VAT;

Illi l-intimat rikjest sabiex ihallas dak minnu dovut ghall-kirja tal-magna in kwistjoni u sabiex jirritorna l-magna in kwistjoni, minkejja numru ta' wieghdiet li kien ser ihallas l-ammont minnu dovut u li kien ser jirritorna l-magna huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex, previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja:

1. Tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jirritorna l-magna 'Band Saw' li kera fl-ewwel ta' Ottubru tas-sena 2018 lura lis-socjeta attrici;

2. Tillikwida l-ammont dovut bhala hlasijiet ta' kera tal-istess magna, dovuti mill-intimat lis-socjeta attrici mill-ewwel ta' Ottubru 2018 sal-gurnata li l-imsemmija magna tigi ritornata bl-ammont ta' erbghin ewro kuljum oltre l-VAT, u konsegwentement tikkundanna lill-intimat li jhallas lis-socjeta attrici l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li qieghed jigi prezentat kontestwalment, kontra l-intimat li minnn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut hu kontumaci;

Rat l-atti u u semghet lid-direttur tas-socjeta attrici u t-trattazzjoni tad-difensur tal-istess socjeta attrici;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mhux kontradett illi l-attrici kriet ‘band saw’ lil konvenut verso kera ta’ €40 kuljum eskluz il-VAT fl-1 ta’ Ottubru 2018 ghal ftit granet u l-konvenut la irritorna l-‘band saw’ u lanqas jidher ghalhekk li ittermina l-kirja. Ghalkemm l-attur talab lil konvenut jirritorna l-‘band saw’ u anki kitbitlu bl-avukat fit-22 ta’ Gunju 2019 (fol. 32 tal-process) dan irrisponda lill-avukat b’messaggi esebiti, li kien ser imur ghand l-avukat pero kien ma jiflahx. Is-sitwazzjoni pero baqghet l-istess (fol. 30 tal-process).

Hi l-fehma tal-Qorti illi l-attur ipprova li l-konvenut kera ‘band saw’ ghal €40 kuljum fl-1 ta’ Ottubru 2018 u din baqghet mhix ritornata u anqas thallset l-kera pattwita. Ghall-ittra tal-avukat tal-attur lil konvenut li l-kirja kienet ghadha ghaddeja sakemm jigi ritornat il-makkinarju, il-konvenut baqa’ inadempjenti, kif deher in-nuqqas ta’ interess tieghu billi lanqas ippartecipa f’din il-procedura. Ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tilqa’ t-talbiet attrici kif mitlub.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u tordna lil konvenut jirritorna l-'band saw' mikrija lilu entro gimgha mid-data tas-sentenza u tikkundannah ihallas ghal kirja tal-istess mill-1 ta' Ottubru 2018 sad-data tas-sentenza cioe €26,080 eskluz il-VAT b'riserva ghal kull dritt ulterjuri tal-attur. Spejjez ghall-konvenut.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur